# 5

# Il-Bini ta' Oratorju Ġdid

F'din it-taqsima se nkunu qegħdin ninkwadraw il-fażi storika ta' meta kien qiegħed jinbena l-Oratorju Qalb ta' Ġesù fejn nafuh illum. Kollox beda lejn l-aħħar tas-snin għoxrin u baqa' sejjer, b'tant sagrifiċċji u ħidma sfiqa, matul it-tletinijiet kollha. Għalkemm l-Oratorju nfetaħ uffiċjalment fl-1940, imma sa mill-1936 kienu diġà bdew jintużaw partijiet minnu li kienu lesti jew kważi lesti. F'dan il-kapitlu se nitkellmu kemm dwar ix-xogħol kbir ta' kostruzzjoni, kif ukoll dwar il-ħidma pastorali li kompliet għaddejja fi ħdanu. Kif se naraw, għalkemm kollox kien idur mal-proġett tal-binja l-ġdida, b'ebda mod ma kien traskurat l-appostolat fost it-tfal u ż-żgħażagħ. It-tagħlim tad-duttrina baqa' għaddej bl-istess rankatura li rajna qabel. Mhux talli hekk, talli ġraw żviluppi ġodda u eċitanti fi ħdan l-Oratorju li ssoktaw ikabbru l-volontarjat fil-parroċċa.

### Kumitat u xiri tal-art

Bl-iskop li mill-ħolm jgħaddi għar-realtà, l-Arċipriet Dun Pawl Mallia waqqaf kumitat ta' qassisin u sekulari biex jibdew ifasslu t-twaqqif tal-opra tal-Oratorju bħala binja speċjalizzata u mibnija apposta għal dan il-għan. Mhux ta' b'xejn li Dun Pawl baqa' mlaqqam bħala 'l-Arċipriet tat-Tfal'. Skont il-minuti tal-ewwel laqgħa datata 26 ta' Novembru 1922, dan il-kumitat kien oriġinarjament kompost kif ġej:

| | |
|---|---|
| President: | L-Arċipriet Dun Pawl Mallia |
| Viċi President: | Dott. Rosario Mizzi |
| Segretarju: | Dun Ġużepp Vella |
| Sotto Segretarju: | Dun Ġużepp Calleja Camilleri |
| Kaxxier: | Is-Sur Cesareo Chetcuti |
| Direttur tax-Xogħlijiet: | Il-Perit Annetto Mifsud |
| Membri: | Dun Karm Sciberras, Dun Ġwann Fenech, Dun Pawl Mifsud, Dun Kustanz Grech, L-Ispettur Ġużeppi Meli |

Maż-żmien tbiddlu xi nies. Dun Karm Sciberras assuma r-rwol ta' kordinatur tal-proġett u meta beda x-xogħol tal-bini kien jattendi wkoll l-imgħallem Salvu Zahra, kif jixhdu l-minuti tas-seduta datata 9 t'Ottubru 1929. Il-laqgħat bdew isiru fid-dar tal-arċipriet u kienu jitlaqqgħu b'mod irregolari. Wara ħafna suġġerimenti, deliberazzjonijiet u riċerka, fil-konkret kollox beda fid-19 ta' Jannar 1927 meta l-Arċipriet Mallia xtara, mingħand il-Patrijiet Agostinjani tal-Belt Valletta, id-*directum dominium* ta' għalqa magħrufa bħala *Tal Ħmieri* fil-bidu ta' sqaq li eventwalment inbidel fi triq u ssemma għall-istess Oratorju. Wettinger (2000: 321) jgħid li l-isem *Tal Ħmieri* jista' jkollu żewġ tifsiriet: jew art li fiha kienu jinżammu l-ħmir inkella, skont Ġian Franġisk Abela (1647), 'l-oqsma l-ħomor' b'referenza għal ħamrija ħamra. John A. Sant (1996) jgħid li qabel ma nbena l-Oratorju, it-triq ta' quddiemu kienet magħrufa bħala Sqaq Witet. Dan minħabba li skont ma jingħad, imwaħħal mal-faċċata ta' dar f'din it-triq, kien hemm granpun li miegħu sid id-dar kien jorbot u jdoqq it-tajjar u mbagħad jiżbgħu.

Kien x'kien l-oriġini tal-isem, l-għalqa inkwistjoni kellha wesgħa ta' żewġ *tumoli* u *mondello*, jiġifieri ftit akbar minn żewġ tomniet raba'. Id-*directum dominium* huwa jedd legali li baqa' jitnissel minn sistema fewdali u li permezz tiegħu s-sid ikollu d-dritt li jiddisponi mill-propjetà, f'dan il-każ tal-art, skont l-esiġenzi u x-xewqat tiegħu. Il-kuntratt sar quddiem in-nutar Angelo Cachia (Camilleri, 1990: 2). Peress li l-iskop ta' dan ix-xiri tal-art kien it-tagħlim tad-duttrina biex hekk 'jinbena oratorju festiv', l-arċipriet tal-Mosta ġie eżentat mill-Assemblea Leġiżlattiva (il-Parlament) ta' Malta u mis-Senat milli jbigħha fi żmien sena, kif kienet tobbligah jagħmel il-Liġi tal-Manumorta maħruġa bi Proklama Nru. XXII tat-22 ta' Ġunju 1822 mill-amministrazzjoni imperjali u kolonjali Brittanika. L-Ingliżi kienu għamlu din il-liġi biex il-Knisja ma tibqax takkumula aktar propjetajiet li l-fidili kienu jħallulha wara mewthom biex isalvaw ruħhom. Fl-għoxrinijiet tas-seklu 19 kien sar kalkolu li bħala propjetà f'Malta, bejn wieħed u ieħor, terz kien tal-knisja, terz ieħor tal-gvern u terz ieħor tal-privat. Bil-liġi tal-manumorta l-Knisja setgħet tbiegħ jew tissostitwixxi l-propjetà mħollija lilha b'wirt, imma ma setgħet qatt teċċedi dan it-terz (Mintoff, 2003).

## Il-perit u l-bennej

Il-proċess tal-bini tal-Oratorju beda ftit wara. Fil-veru sens tal-kelma mal-ħaġra, it-tajn. Ftit anqas minn għaxar xhur wara l-kuntratt tax-xiri tal-art, fil-11 ta' Novembru 1928, tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù kif u fejn nafuh illum. Il-perit kien Annetto Mifsud Ellul li kien ukoll wieħed mill-membri tal-kumitat li kien ħoloq l-arċipriet tal-Mosta, imma kif għadu jingħad – għax hu fatt magħruf minn kulħadd – il-moħħ li fassal il-pjanta ma kien ħadd għajr l-imgħallem Mosti Salvu Zahra. Peress li Zahra ma kienx perit illawrijat, il-pjanta li ddisinja għall-Oratorju kienet ippreżentata għall-approvazzjoni tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet minn Mifsud Ellul bħala professjonist bil-liċenzja li jopera ta' perit. Hawn ta' min jinnota li Annetto Mifsud Ellul miet traġikament waqt wieħed mill-ħbit mill-ajru tat-Tieni Gwerra Dinjija nhar id-9 ta' Frar 1942 (Camilleri, 1990: 36).

Min-naħa tiegħu l-imgħallem Salvu Zahra, jew 'iż-Żahra' kif kien magħruf mill-Mostin, huwa l-istess wieħed li fl-1914 offra waħda mir-residenzi li kellu fi Triq il-Kungress Ewkaristiku biex fiha seta' jitwaqqaf u jopera l-Oratorju sal-1922. Il-ħażż tal-pjanta tal-Oratorju ma kienx fula f'qargħa għax iż-Żahra kien bennej, mgħallem u saħansitra jħażżeż il-pjanti. Fost xogħlijiet li telgħu taħt it-treġija tiegħu barra l-Mosta, insemmu *Cannaught House* fil-Furjana li nbniet bħala każin fejn jiltaqgħu s-suldati u l-baħrin tas-servizzi Ingliżi, il-livellar tax-Xagħra tal-Furjana, il-Knisja tal-Abbandunati fil-Wardija, l-Iskola tal-Gvern fl-Imġarr u l-pjanta tal-knisja tal-Bidnija li eventwalment bnieha hu wkoll (Mangion, 1986: 281). Fil-Mosta, imbagħad, isem iż-Żahra jibqa' marbut ma' erba' opri fir-Rotunda: (a) il-kisja tal-petali bil-konkos fuq il-quċċata tal-koppla madwar il-lanterna, (b) il-bini tat-tieni zuntier skont il-pjanta ta' George Grognet de Vassè, (ċ) il-ħażż u l-eżekuzzjoni tad-disinn bir-rużuni mal-koppla kollha minn ġewwa skont kif immaġinah Grognet innifsu, u (d) l-armar u x-xogħol biex tkun irranġata l-istess koppla wara li ntlaqtet minn bomba Ġermaniża (Borg, 2010: 41).

Imma minkejja din il-lista impressjonanti ta' xogħlijiet li ppjanta u/jew bena, l-Oratorju Qalb ta' Ġesù jibqa' għal dejjem l-iżjed monument ħaj taż-żelu u l-kapaċità ta' Salvu Zahra. Il-pjanta, essenzjalment, kienet taħseb għal erba' elementi prinċipali li kif għedna qabel kienu diġà evidenti snin qabel meta Dun Edgar Salomone kien direttur tal-Oratorju, jiġifieri post xieraq għat-talb, ieħor għat-tagħlim u spazji wesgħin għad-drama, mużika u sports. Dawn kienu l-elementi li fuqhom beda jinbena l-Oratorju fl-1928 u li kollha flimkien kienu jifformaw is-sistema preventiva għaż-żgħażagħ skont kif imfassla minn San Ġwann Bosco (1815-1881). Tagħrif dwar din is-sistema jingħata fil-kapitlu li jmiss. F'dan l-istadju se nillimitaw irwieħna għad-dettalji tekniċi tal-faċilitajiet li nbnew fi ħdan l-Oratorju l-ġdid li żgur li kien wieħed mill-akbar ta' Malta f'dik il-ħabta, tant li kien iħabbatha tajjeb mal-Oratorju tas-Sależjani f'Tas-Sliema. Qabel nagħtu titwila lejn dawn il-faċilitajiet, irridu nirrimarkaw li l-prim bennej kien Ġużeppi Zahra, ħu Salvu stess. Il-bini prinċipali kien lest sal-1937, għalkemm kien għad fadal ħafna x'isir. Ix-xogħol ma kienx kontinwu għax Dun Karm Sciberras li sadattant kien indaħal b'ruħu u ġismu għal dan il-proġett, għal xi raġuni stramba, intbagħat għal sentejn mill-Arċisqof Caruana bħala Vigarju Kurat f'Ħ'Attard. Matul dawn is-sentejn, ix-xogħol fuq il-bini tal-Oratorju waqaf għal kollox (Camilleri, 1990: 4).

## Il-kappella u t-tagħlim tad-duttrina

F'dan l-istadju jkun tajjeb jekk nagħtu deskrizzjoni ħafifa tal-arkitettura u l-qisien tad-diversi faċilitajiet li nbnew bħala parti mill-kumpless Oratorjan. Nibdew l-ewwel mill-faċċata monumentali li għandha proporzjonijiet regolari u simetriċi, iddominata minn kappella imponenti. B'għoli ta' 164 pied, il-faċċata hi mibnija fuq stil Korint bi tliet kolonni fuq kull naħa tal-bieb maġġuri u b'niċċa fuq kull naħa tal-bieb. Maż-żmien fiż-żewġ niċeċ tqiegħdu x-xbihat ta' żewġ qaddisin adoloxxenti, San Tarċisju u Santa Marija Goretti, xogħol bikri fil-ġebel tal-iskultur Mosti Ġanni Bonnici. Skont Manwel D Schembri (2015), 'dawn huma l-uniċi żewġ skulturi fil-ġebel li għandna ta'

Ġanni Bonnici f'Malta kollha'. Jekk tħares sewwa lejhom f'malajr tintebaħ li hemm isem il-benefatturi minqux taħthom; Goretti ġiet regalata mill-Konslu Charles Vassallo flimkien mal-Mostin ta' San Francisco tal-Amerika, filwaqt li Tarċisju kien imħallas minn Mons. Alan Fenech. Fuq il-bieb ċentali, imbagħad, nsibu tieqa kwadra tawwalija. Fuq it-tieqa jitla' fontispizju li fuqu hemm l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù, xogħol fil-konkrit tal-iskultur Giovanni Spiteri Sacco u li tqiegħdet f'postha nhar il-Ħadd 11 ta' Ottubru 1936.

Il-kappella għandha tul ta' 86 pied u wisa' ta' 30 pied. Filwaqt li fuq barra għandha stil Korint, minn ġewwa għandha stil kompost b'altar wieħed tal-irħam. Tesa' madwar 350 ruħ bilqiegħda. Fl-abside, fuq mensola, hemm it-titular fil-forma ta' statwa li turi lil Ġesù msieħeb b'żagħżugħ fuq naħa u tifel fuq in-naħa l-oħra, xogħol l-istess Spiteri Sacco li ħadem l-istatwa fuq il-fontispizju. Fin-naħa ta' fuq hemm żewġ armi kbar skulturati fil-ġebel, waħda tal-Papa Piju XI (1857-1939) u l-oħra tal-Arċisqof Mauro Caruana (1867-1943), xogħol Toni Agius. Skont Anthony Camilleri (1990: 7/8), l-intenzjoni oriġinali tad-direttur tal-Oratorju, Dun Karm Sciberras, kienet li l-kappella tkun 'tifkira tal-Kungress Ewkaristiku tal-1913', imma din l-idea qatt ma ġiet realizzata.

Kif għad naraw fil-bqija ta' dan il-ktieb, il-kappella kompliet tisbieħ biż-żieda ta' diversi espressjonijiet artistiċi meta Dun Anġ Camilleri sar Direttur. Fost dawn l-opri, ma nistgħux inħallu barra l-artal maġġur li huwa biċċa xogħol meraviljuża skulturata fl-irħam. Kien ikkonsagrat nhar il-11 ta' Lulju 1965 mill-Isqof Emanuel Galea wara li taħt il-wiċċ tiegħu tqiegħdu l-għadam ta' żewġ qaddisin martri, San Gratus u San Jucundus. Flimkien mal-artal insemmu wkoll il-vara devota tal-Madonna Addolorata maħduma minn Salvatore Dimech (1805-1887), imlaqqam is-Sartx, u li oriġinarjament ħadimha għall-Fratellanza tad-Duluri tal-Mosta. Maż-żmien il-Fratellanza ġabet vara oħra minn Franza u dik ta' Dimech intrefgħet għal snin twal fil-kannierja sakemm id-Direttur Dun Anġ Camilleri xeħet għajnejh fuqha u ġabha fil-kappella tal-Oratorju. L-avukat Manwel D Schembri ta' 62 sena jiftakar eżatt x'ġara dakinhar meta l-istatwa nġabet l-Oratorju fil-bidu tas-sittinijiet,

> Kienet qed issir il-quddiesa tal-erwieħ kollha fl-1 ta' Novembru filgħaxija. U wara l-quddiesa kienu jinżlu jbierku l-kannierja u mbagħad kienet tiftaħ għan-nies l-għada filgħodu. L-arċipriet u l-kleru kienu jkunu bil-kappa sewda u jinżlu jbierku l-oqbra taħt il-knisja. U aħna ta' tfal żgħar li konna nżilna magħhom minn garigor li tinżel minnu mis-sagristija tal-bomba. Kien hemm l-arċipriet Bezzina, Dun Salv Magro, Dun Anġ id-Dingli u Dun Anġ tal-Oratorju. Kien hemm qassisin oħrajn magħhom, imma ma niftakarhomx. U nżilna hemm isfel. U fuq il-qabar tal-qassisin, ħdejn l-artal tal-kannierja, kien hemm id-Duluri ta' Salvu s-Sartx. Id-Duluri l-qadima maħduma fl-injam. U niftakar lil Dun Anġ jgħid lil Dun Anġ id-Dingli, 'Tihieli għall-Oratorju'. U l-ieħor qallu, 'Ħudha!'. Meta konna għadna hemm isfel, Dun Anġ dar fuqna. Konna jien, Pawlu Sammut u Duminku s-Siesi. Qalilna, 'Morru issa l-Oratorju, ġibu l-karettun minn taħt il-palk u ħudu l-istatwa l-Oratorju'. Aħna tirna u ġibna l-karettun. Id-Duluri qatlitna daqskemm kienet tqila sakemm ħriġnieha minn hemm taħt, u minn dakinhar 'l hawn baqgħet dejjem fil-kappella tal-Oratorju. (Manwel D Schembri, 2015)

Mal-kappella b'qisien spazjużi, irid jiżdied zuntier imdaqqas mgħasses minn rixtellu u pjazza sabiħa quddiemu li mhux biss ikomplu jżidu mal-karattru tal-post, imma huma wkoll servew, u għadhom iservu, mitqlu deheb biex l-Oratorju jkun jista' jesterna ruħu permezz ta' attivitajiet fl-apert u purċissjonijiet.

Sadattant, f'Ottubru tal-1936, Dun Karm beda jlaqqa' t-tfal għat-tagħlim tad-duttrina fl-Oratorju l-ġdid meta f'dik is-sena tlestiet is-sala t-teatrin. Hekk it-tfal ma baqgħux jattendu fl-Oratorju ta' Triq il-Parroċċa, imma issa bdew jiffrekwentaw l-Oratorju l-ġdid, avolja l-kumpless kollu kien għad fadallu ħafna xogħol x'isir biex jitlesta. Fil-fatt mis-sena ta' wara, jiġifieri fl-1937, it-tfal bdew jitlaqqgħu fi tmien klassijiet ġodda tad-duttrina; erbgħa fuq kull naħa tal-kappella kif kienu oriġinarjament (Camilleri, 1990: 4). It-tfal kienu jaslu fil-klassijiet minn żewġ kuriduri għall-arja aperta, wieħed għal kull ringiela klassijiet fuq kull naħa tal-kappella li f'dik il-ħabta kien għad jonqosha xi xogħlijiet. Tabella 5.1 turi l-istatistika tal-ewwel gruppi ta' tfal subien li resqu għas-sagramenti wara li bdew jitgħallmu fl-Oratorju l-ġdid fl-1936 sa qabel ma faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija fl-1940. L-istatistika ta' żmien il-gwerra tingħata f'kapitlu 7.

**Tabella 5.1: Statistika tas-subien tal-Oratorju li rċevew l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof (1936-1939)**

| Sena | Numru ta' Subien | Varjazzjoni tal-etajiet (Snin) | Etajiet l-aktar komuni (Snin) | Amministratur tal-Griżma |
|---|---|---|---|---|
| 1936 | 95 | 7-10 | 7, 8, 9 | Mons. Arċ. Dom Mauro Caruana |
| 1937 | 72 | 7-13 | 7, 8, 9 | Mons. Mikiel Gonzi, Isq. t'Għawdex |
| 1938 | 94 | 7-11 | 7 | Mons. Mikiel Gonzi, Isq. t'Għawdex |
| 1939 | 80 | 7-10 | 7, 8 | Mons. Mikiel Gonzi, Isq. t'Għawdex |

Sors: *Registro Conferma e Prima Comunione, Oratorio S. Cuor di Gesù*

## It-teatrin u l-futbol

Minbarra l-kappella li faċilment tista' tissejjaħ knisja minħabba d-dimensjonijiet kbar tagħha, il-binja tal-Oratorju f'dik li qabel kienet tissejjaħ l-għalqa *Tal-Ħmieri* bdiet tgawdi minn faċiltajiet utli oħrajn, ewlenin fosthom is-sala tat-teatrin u l-grawnd tal-futbol. Is-sala tat-teatrin għandha tul 72 pied u wiesa' 30 pied. Il-palk oriġinali kien ferm iżgħar minn dak li naraw illum, għax eventwalment tkabbar fis-snin sittin. Iżżanżnet f'Sibt il-Karnival tat-22 ta' Frar 1936 meta ttellgħu serati ta' divertiment 'onest' matul il-jiem ta' bluha bejn is-Sibt u t-Tlieta ta' wara. F'dan l-ewwel programm ta' varjetà fuq il-palk il-ġdid tal-Oratorju nħadem id-dramm serju *L-Għama ta' Ġerusalemm* u wara kien segwit minn kummiedja bl-isem *Branco u Fernando Fuq il-Qabar ta' Karlu V* (Camilleri, 1990: 4). Kull min attenda kellu jistennieh ukoll għadd ta' kanzunetti

u mużika ferriħija għall-okkażjoni. Il-ħin tad-dħul għas-serata tas-Sibt kien fis-6:30 pm, waqt li fit-tliet ijiem ta' wara kien fl-4:30 pm. L-avviżi biex il-Mostin jattendu bi ħġarhom fakkarhom li kull min imur 'ikun qiegħed jgħin il-bini ta' dan l-Oratorju sabiħ u tant meħtieġ'. Tul l-ħames snin ta' qabel il-gwerra f'Malta (1936-1940), Dun Karm Sciberras ħa ħsieb li f'kull Ħadd disponibbli jkun hemm ir-reċti ħalli b'hekk seta' jkompli jtaffi mill-ispejjeż tal-bini. Żvilupp importanti li jikkonċerna s-sala tat-teatrin kien l-introduzzjoni tal-magna u l-liżar taċ-ċinema li kienu installati fl-1937. Dan sar wara li l-Papa Piju XI ħareġ l-enċiklika *Vigilante Curia* fis-sena ta' qabel, jiġifieri fl-1936. Fost ħwejjeġ oħra, din l-enċiklika saħqet fuq il-bżonn ta' sala kattolika taċ-ċinematografija f'kull parroċċa prinċipali. Kienet inizjattiva, fil-veru sens tal-kelma 'papali', biex il-knisja tkompli tissoġġetta ruħha bħala patruna tal-arti u t-teknoloġija. Kien process li xi darba kellu jgħejja u jieqaf, bħal ma qegħdin naraw fi żmienna. Intant, il-films bdew jintwerew fis-sala tal-Oratorju bl-ewwel sitt wirjiet isiru darbtejn kuljum (fit-3:00 pm u fis-6:00 pm) bejn is-17 u d-19 ta' Mejju tal-1937. F'dawk il-jiem kien intwera l-film tal-passjoni bl-isem *Golgotha*. Kienu daħlu jarawh folol kbar; kieku ma kinux juruh sitt darbiet!

Biex is-sistema preventiva Sależjana kif imfassla minn San Ġwann Bosco tkun applikata fit-totalità tagħha, il-kumpless tal-Oratorju l-ġdid ġie mgħammar bi grawnd spazjuż għal-logħob tal-futbol u sports ieħor. Il-grawnd fih tul ta' 164 pied u wisa' 82 pied. Abel Galea ta' 81 sena rrakkontali kif 'qabel iddoqq il-qanpiena biex jibdew il-lezzjonijiet tad-duttrina, kienet l-għaxqa tagħna li nsiru żibel bil-għaraq u r-ramel, aħna u jiġru wara l-ballun' (Abel Galea, 2015). Tistgħu timmaġinaw x'irwejjaħ ġentili kien ikun hemm fil-klassijiet meta t-tfal jissejħu għal ġewwa! Il-futbol f'dak iż-żmien, kif għadu llum, huwa kalamita għat-tfal u l-ġuvintur. Permezz tiegħu tista' tressaq diversi żgħażagħ lejn it-tagħlim tar-reliġjon. Li kieku l-grawnd ma kienx ppjantat bħala parti integrali mill-kumpless Oratorjan, kieku xi wħud minn dawn iż-żgħażgħ qatt ma kienu jersqu lejn l-għajn tat-tagħlim u t-trawwim tal-fidi. Dan hu dak li ħaseb u rrafigura Dun Bosco maż-żgħażagħ ta' Turin fl-Italja ta' fuq. Dan hu dak li wettqu b'ħafna ħidma u sagrifiċċju d-diriġenti tal-Oratorju Mosti fiċ-ċentru ta' Malta.

## Spejjeż, għotjiet u sagrifiċċji

Biex setgħu jseħħu dawn l-iżviluppi kollha waqt li kompla għaddej ix-xogħol estensiv ta' kostruzzjoni, ta' bilfors li kienu meħtieġa ħafna flus. Għalkemm sar ħafna xogħol b'mod volontarju jew inkella bi ħlas minimu ħaqq l-ispejjeż, iżda xorta waħda kien hemm bżonn ta' fondi kbar. Minbarra l-għotjiet ġenerużi minn tant benefatturi u individwi sinjuri, kien hemm ukoll is-sehem tal-poplu bl-għotjiet żgħar tiegħu u l-ħlas ċkejken għad-dħul fit-teatrin. Madankollu ebda dokument ma jirreġistra li qatt sar xi ġbir bieb bieb mingħand in-nies għall-bini tal-Oratorju. Dun Salv Magro (1920-2007) kiteb hekk dwar iż-żelu ta' Dun Karm Sciberras waqt li kien qiegħed jinbena l-Oratorju,

> Naf lil Dun Karm għal biċċa xogħol kbira li daħal għaliha: il-bini tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù, biċċa xogħol kbira u tqila għax il-mezzi kienu ftit. Jiġġerra, jitħabat u jittallab xogħol bla ħlas mingħand il-ħaddiema; xogħol li kien ħa daqsxejn fit-tul, anki għax biex jobdi lill-Isqof mar għal żmien konsiderevoli bħala vigarju f'H'Attard... Ta' kuljum kont issibu l-Oratorju qabel kulħadd, jilqa' t-tfal fil-bieb, kważi jkellem lil kull wieħed u jgħid xi ċajta. Imma x'ħin tibda l-lezzjoni tad-duttrina kien irid lil kulħadd attent u b'kelma waħda kien kapaċi jżomm id-dixxiplina (Magro, 1993: 5).

Anthony Camilleri (1990: 3) jiddokumenta li 'flus oħra waslu mingħand l-emigranti Mostin fl-Istati Uniti tal-Amerika u anki l-Gvernatur [David Campbell (1869-1936)] interessa ruħu f'din l-opra'. Iżda minbarra l-ġbir ta' flus, ix-xogħol ta' kostruzzjoni u t-tagħmir tal-faċilitajiet, lejn l-aħħar tat-tletinijiet, seħħew żewġ żviluppi oħra importanti fi ħdan l-Oratorju l-ġdid. Hawn qegħdin nirreferu għat-twaqqif tal-fergħa tal-Ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika fl-1936 u r-ritorn tal-membri tal-iscouts tliet snin wara. L-analiżi storika tagħna fit-taqsimiet li jmiss f'dan il-kapitlu se tkun ikkonċentrata fuq dawn iż-żewġ passi sinifikattivi li kellhom jikkaratterizzaw il-ħidma Oratorjana wara t-Tieni Gwerra Dinjija.

## L-introduzzjoni tal-Ġuvintur Azzjoni Kattolika u r-ritorn tal-*Boy Scouts*

Fi żmien meta l-knisja bdiet turi sinjali konkreti biex il-lajċi jingħataw aktar funzjonijiet siewja fl-operat tagħha, il-Papa Piju XI approva uffiċjalment l-istatuti bħala gwida għat-tfassil tal-Azzjoni Kattolika mad-dinja kollha. Dan għamlu permezz tal-ewwel enċiklika tiegħu, *Ubi Arcano Dei Consiglio*, f'Diċembru 1922 fejn ħeġġeġ l-idea li l-membri tal-Azzjoni Kattolika biex ikunu protagonisti fil-ħajja pubblika, inkluż ukoll fil-partiti politiċi, billi jxerrdu l-valuri nsara u jkunu ta' xhieda għalihom. Din il-mewġa ta' moviment kattoliku ġdid, li kellha tħalli timbru qawwi fil-ħidma tal-Knisja fl-Italja u fil-bqija tal-pajjiżi tradizzjonalment kattoliċi, laħqet lil Malta seba' snin wara l-enċiklika tal-Papa Piju XI. Hekk insibu li f'pajjiżna l-Azzjoni Kattolika twaqqfet uffiċjalment fil-5 ta' April 1929 minn Patri Prof. Danjel Callus O.P. fost l-istudenti tal-Università permezz tal-*Lega Universitaria Cattolica Maltese*, waqt li f'Ottubru tal-1930 ġiet ifformata il-Federazzjoni taċ-Ċirkoli tal-Azzjoni Kattolika li f'dak iż-żmien kienet komposta biss minn ġuvintur fi tmien ċirkoli. Sitt snin wara, jiġifieri fl-1936 Dun Salv Sammut ingħata l-inkarigu li jifforma l-Azzjoni Kattolika tal-Ġuvintur fil-Mosta. L-Oratorju Qalb ta' Ġesù kellu jservi bħala d-dar naturali ta' dan il-moviment ġdid u wara diversi laqgħat ta' formazzjoni, meta l-membri wrew ċerta stabbiltà u rieda tajba, saret l-ewwel laqgħa ġenerali nhar il-Milied tal-1936. Dakinhar kien elett kumitat bit-tabib Ferdinand Calleja bħala l-ewwel President (*Il-Mosta* 118, 1986: 10).

L-ewwel grupp ta' msieħbin jidher li kien kompost minn numru ta' ġuvintur midħla tat-teatrin fl-Oratorju. Dawn inġabru ma' djul Dun Salv, li allura beda jservi ta' assistent ekkleżjastiku, u bdew bil-mod il-mod, fuq bażi ta' ħdax-il xahar bejn Frar u Diċembru 1936, jifformolaw is-sisien tal-Ġuvintur Azzjoni Kattolika fil-Mosta skont ix-xewqat

espressi mill-Papa XI erbatax-il sena qabel. Huma kienu l-pijunieri biex l-Oratorju jikseb l-istatus tas-sede tal-Azzjoni Kattolika fil-Mosta. Ma damux ma bdew jidhru avviżi fil-ġurnali tal-attivitajiet ta' din l-ewwel fergħa tal-Azzjoni fil-Mosta. Hekk, il-Ħadd 28 ta' Frar 1937, l-avukat H. Frendo kien mistieden għal konferenza fid-9:30 ta' filgħodu fl-Oratorju biex jagħti taħdita bit-tema, '*X'tiswa r-Reliġjon?*' u li għaliha kienu mistednin il-ġuvintur. Il-Ħadd 4 t'April 1937 kien imiss lil Mikiel Caruana, President Ġenerali tal-Azzjoni Kattolika Maltija, biex jiġi l-Oratorju u jitkellem dwar '*Wirt li Rridu Rroddu Sħiħ lil Uliedna*', naturalment b'riferenza diretta għall-fidi kattolika. Il-laqgħat ma kinux kollha ta' natura spiritwali; kien hemm ukoll taħditiet ta' natura ċivika u soċjali. F'dan il-kuntest insemmu lit-tabib Rużar Mizzi li fis-sala tat-teatrin tal-Ħadd 15 ta' Mejju 1938 mexxa konferenza fuq il-mard tad-deni rqiq u l-ideat bażiċi għall-iġene pubblika (Camilleri, A., 1990: 5).

Għalkemm kien għadu mhux miftuħ uffiċjalment, kif qegħdin naraw, l-faċilitajiet fl-Oratorju kienu diġà għad-dispożizzjoni tal-Azzjoni Kattolika biex setgħet torganizza l-attivitajiet tagħha qabel il-Gwerra. Ċertament li waħda mill-iżjed serati importanti li ttellgħu fis-sala tat-teatrin fis-snin tletin kienet is-Serata Mużiko-Letterarja li l-Azzjoni organizzat biex jitfakkar l-anniversarju tal-inkurunazzjoni tal-Papa Piju XI u biex tħajjar lill-ġenituri jibagħtu 'l uliedhom fl-Oratorju. Din saret f'Jum San Pawl Nawfragu nhar l-10 ta' Frar 1938. Skont dak li sab fir-riċerka tiegħu, Anthony Camilleri (1990) jgħid li dakinhar tas-serata,

> Dun Salv Sammut spjega li l-Azzjoni Kattolika kellha l-iskop li tgħin lis-saċerdot u għalhekk kienet taħdem b'fini qaddis u b'ministeru veru u propju appostoliku. Kien hemm bżonnha għax l-attakki kontra r-reliġjon u l-propaganda favur il-ħajja libertina kienu ħraxu... Id-Direttur, Dun Karm Sciberras, għamel diskors ieħor. Spjega kif l-Oratorju jagħmel il-ġid spiritwali lit-tfal u liż-żgħażagħ. Hu neċessarju għall-qdusija tal-Mosta u mingħajru ma jistax ikollna familji u soċjetà tajba. Ħeġġeġ lil kulħadd jaħdem ħalli l-Oratorju jitlesta. Fis-serata t-tfal ħadmu buzzett ħelu addattat għaż-żminijiet u farsa... It-Tabib Ferdinand Calleja, President, idderieġa l-mużika, lill-mużiċisti u lit-tfal u l-ġuvintur li ħadmu l-palk. (Anthony Camilleri, 1990: 9)

Tliet snin wara t-twaqqif tal-fergħa tal-Ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika fil-Mosta permezz tal-Oratorju, il-*boy scouts* intalbu biex huma wkoll jerġgħu jsiru parti integrali minn dan il-kumpless il-ġdid. Huma daħlu lura fl-1939. Issa li l-Oratorju kien beda jiffunzjona minn bini stupend mibni apposta bħala ċentru ta' formazzjoni għat-tfal u ż-żgħażagħ u mgħammar b'ħafna faċilitajiet li setgħu jintużaw għat-tagħlim, sports, drama u attivitajiet spiritwali, id-Direttur Dun Karm Sciberras stieden lill-*boy scouts* biex jirritornaw l-Oratorju wara li kienu ħarġu minnu fl-1921. Kien ambjent ideali biex il-membri tal-iscouts jerġgħu jidħlu fih bl-isperanza li jistejqru mill-burraxki organizzattivi li ħakmuhom matul it-tmintax-il sena ta' qabel (1921-1939) meta kienu 'l barra mill-Oratorju. Dan wassal biex fil-ewwel xhur tal-1939 l-iscouts reġgħu rifsu mill-għatba 'il ġewwa ta' Oratorju ġdid fjamant. Dun Karm Sciberras tahom l-ewwel żewġt ikmamar fuq n-naħa tax-xellug, hekk kif tħares lejn l-Oratorju mill-faċċata, biex

jużawhom għal-laqgħat tagħhom. Biex ikunu evitati kunflitti bla bżonn, il-Ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika kienu jiltaqgħu fil-kmamar tal-lemin. 'Dun Karm Sciberras kien qisu San Ġwann Bosco magħna. Kien jaf jinżel għal-livell tat-tfal. Ġieli anki rajtu jilgħab il-boċċi mat-tfal', qalli Charles Vella (2015) li għal snin twal serva ta' *Scout Master* fil-Mosta. Għall-użu tal-Oratorju, l-grupp tal-iscouts kien iħallas il-miżata nominali ta' lira sterlina ta' kull sena (Cassar, 2009: 36).

**Grafika 5.1: L-istadji maġġuri fil-proċess tal-bini tal-Oratorju preżenti**




*Mario Thomas Vassallo, 2016*

## Konklużjoni

Kif rajna f'dan il-kapitlu, is-snin tletin kienu determinanti fit-tfassil, il-bini u l-operat tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù, fejn u kif nafuh illum. Kienu snin tal-akbar impenn għad-Direttur ħabrieki u żelanti, Dun Karm Sciberras, għall-perit Annetto Mifsud Ellul u għall-aħwa kuntratturi, Salvu u Ġużeppi Zahra, flimkien ma' kull min kien involut fil-proċess twil ta' kostruzzjoni (1928-1940). L-għajnuna mill-arċipriet tal-Mosta, Dun Pawl Mallia, u tal-kleru Mosti ma naqsitx matul dawn it-tlettax-il sena. Is-sostenn ta' benefatturi Mostin u emigranti assigura li x-xogħol baqa' miexi, avolja b'pass ta' nemla f'xi waqtiet. Għalkemm il-ftuħ uffiċjali u t-tberik kellu jistenna sal-1940, kif għad naraw f'kapitlu 7, il-faċilitajiet fl-Oratorju l-ġdid – il-kappella, il-grawnd, is-sala tat-teatrin u l-klassijiet tad-duttrina – kienu diġà bdew ikunu mgħammra u wżati sa mill-1935

għas-servizz tat-tfal u tal-bqija tal-komunità. L-introduzzjoni tal-Ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika u r-ritorn tal-*boy scouts* komplew iżidu l-ħajja u l-attività fl-Oratorju l-ġdid. Grafika 5.1 tagħti sekwenza grafika ta' kif żviluppa l-proġett tal-bini tal-Oratorju bejn l-1922 u l-1940.

Qabel ma ngħaddu biex nirrakkontaw x'ġara meta din il-binja ġiet uffiċjalment inawgurata, fil-kapitlu li jmiss se niffukaw f'aktar dettall fuq is-sistema preventiva kif ipproġettata minn San Ġwann Bosco u li serviet ta' pedament biex fuqu jitfassal, jittella' u jitħaddem l-Oratorju tal-Mosta.



Il-mużiċisti tal-*Orchestra Maria Assunta* fl-1927 fil-bitħa tal-Oratorju fi Triq il-Parroċċa. Fuq quddiem mix-xellug: Ġamri Camilleri (vjola), Ġeraldu Magri (vjolin), il-fundatur Dun Pawl Mifsud (vjola), Ġużeppi Azzopardi (vjolin), Ġamri Borg (vjola) u Dr Ferdinand Calleja (vjolinċell). Fuq wara mix-xellug: Salvu Mifsud (kontrabaxx), Karmnu Calleja (klarinett), Ċensu Mifsud (oboe), Paċik (flawt) u Maestro Ġużeppi Schembri. Dawn kienu jiltaqgħu fl-Oratorju ta' Triq il-Parroċċa u r-ritratt tal-okkażjoni ttieħed minn *Hammet Studio*.



Il-Perit Annetto Mifsud Ellul A&CE li ressaq il-pjanti tal-Oratorju l-ġdid quddiem l-awtoritajiet tal-Gvern biex jinħareġ il-permess għall-bini fiż-żona magħrufa bħala 'Tal Ħmieri'. Il-Perit Mifsud Ellul huwa magħdud mal-vittmi tat-Tieni Gwerra u miet fid-9 ta' Frar 1942.



L-imgħallem Mosti Salvu Zahra (1874-1960) li għamel id-disinn tal-pjanta tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù kif nafuh illum. Il-pjanta kienet ppreżentata għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet ċivili mill-Perit Annetto Mifsud Ellul peress li 'ż-Żahra' ma kienx liċenzjat bħala perit.




Il-pjanta oriġinali tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Fin-naħa t'isfel hemm nota bl-idejn li taqra, '*Loratorio tal Musta, S. Zahra*'. Minnha nnifisha din hija xhieda li l-pjanta saret minn Salvu Zahra u mhux mill-Perit Mifsud Ellul.



Il-wasla tal-Isqof ta' Malta, Mons. Dom Mauro Caruana O.S.B., biex ibierek l-Oratorju ġdid fjamant nhar it-8 ta' Ġunju 1940. Jumejn wara l-inawgurazzjoni, Malta daħlet uffiċjalment fit-Tieni Gwerra Dinjija wara li l-Italja kienet iddikjarat gwerra kontra l-Ingilterra.



Id-dehra oriġinali li kellu l-Oratorju meta nbena. In-niċeċ taż-żewġ qaddisin fil-faċċata tal-kappella għadhom vojta, filwaqt li kien għadu ma nbeniex it-tieni sular fuq kull naħa tal-kappella.



Il-kappella tal-Oratorju minn ġewwa fl-istat oriġinali tagħha hekk kif tlestiet u tqiegħdet l-istatwa titutali fuq l-artal maġġur, xogħol l-iskultur John Spiteri Sacco (1907-1996). Il-kappella tidher għerja minn kollox, saħansitra lanqas il-madum ma kien għadu tqiegħed.



Dun Karm Sciberras, is-saċerdot li ta saħħtu kollha b'risq il-bini u t-tmexxija tal-Oratorju. Huwa mexxieh għal 22 sena (1922-1943), sakemm kien appuntat arċipriet tal-Mosta. Hawn narawh bħala arċipriet fuq iz-zuntier tar-Rotunda, diġà marid sewwa, imdawwar b'xi wħud mit-tfal tal-Oratorju u nisa bl-għonnelel.



Bis-saħħa ta' Dun Karm Sciberras l-i*scouts* jerġgħu jidħlu fl-Oratorju fl-1939 u jibqgħu hemm sal-1955. Hawn qegħdin naraw it-truppa tal-i*scouts* f'ritratt tal-okkażjoni meħud fl-aħħar tas-snin erbgħin fuq iz-zuntier tal-Oratorju



Lura fl-Oratorju l-i*scouts* bdew jieħdu inizjattivi ġodda, fosthom it-twaqqif tal-*brass band* fl-1948. Din twaqqfet bit-tħabrik tas-Surmast Ġanni Vella li narawh bilqiegħda f'nofs il-banda tal-i*scouts* f'ritratt meħud fuq iz-zuntier tal-Oratorju.



*Rally* kbir tal-Mosta *Boy Scouts* li sar fil-grawnd tal-Oratorju f'Mejju 1949. In-nies kienet tattendi bi ħġarha biex jaraw il-manuvri tal- i*scouters* waqt li jibnu l-pontijiet minn naħa għall-oħra tal-grawnd



Waqt ieħor trijonfali mill-ħafna *rallies* li kienu jagħmlu l-i*scouters* Mostin. L-i*scouts* baqgħu jużaw il-grawnd tal-Oratorju, anki wara li kienu ħarġu minn hemm u waqqfu kwartier għalihom. Dan ir-ritratt ttieħed fis-16 ta' Mejju 1964 waqt attività li ttellgħet għall-festa tal-Qalb ta' Ġesù ta' dik is-sena.



It-tim tal-*Under 16* tal-Oratorju kompost mill-membri tal-Azzjoni Kattolika tas-sena 1554-55. Bil-wieqfa mix-xellug: C. Falzon, E. Muscat, F. Ebejer, J. Galea, J.Tanti u A. Micallef. Kokka mix-xellug: J. Magri, P. Micallef, J. Attard, L. Falzon u S. Muscat. Ta' min jgħid li A. Micallef mhu ħadd għajr Freddie Micallef li għamel karriera fil-Parlament bħala deputat Mosti fejn serva wkoll bħala Ministru taħt Gvernijiet Laburisti.